MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 12/2005

**Robert Borg**

**Vs**

**Silvia Camilleri u permezz ta' nota prezentat mill-avukat Dr. Carmelo Galea assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Silvia Camilleri li hi assenti.**

**Il-Qorti,**

**Kawza ta' annullament ta' zwieg.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-28 ta' Lulju 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta li:-

Il-partijiet izzewwgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied.

Il-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittjiet u dmirijiet matrimonjali u/jew anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Talab il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fit-22 ta' Lulju 2000 kien null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi sa mill-ewwel gurnata tieghu minhabba r-ragunijiet u kawzali fuq imsemmija jew xi wahda jew aktar minnhom, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta li permezz taghha eccepiet:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex lill-konvenuta ma jirrizultalhiex li l-attur, u wisq inqas hi kienu affetti minn anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalihom li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg.
2. Fir-rigward tal-kawzali li l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewga, fuq id-dmirijiet u drittijiet matrimonjali, jista' jaghti lok li dan id-difett serju kien jezisti da parti tal-attur, izda mhux da parti tal-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Ix-xhieda li tressqu f'dawn il-proceduri huma s-segwenti:-

(a) **<u>Affidavit ta' l-attur</u>** (fol. 16) – jikkonferma li huwa zzewweg fis-sena 2000 meta kellu 25 sena u l-konvenuta 23 sena u li matul l-gherusija ma kienx hemm problemi bejniethom. Kompla jghid li kien hemm qbil min-naha tieghu li jizzewweg ghaliex haseb li l-hajja ta' zwieg ser tkun tixbah dik tal-gherusija. Pero' wara z-zwieg induna (flimkien mal-konvenuta) li l-pass li kienu ghamlu ma kienu preparati ghalih. Jiddeskrivi li ma kienx hemm *commitment* ghaz-zwieg min-naha taz-zewg partijiet. Zied ighid li ghalkemm fil-bidu taz-zwieg kien jahseb li ser jidra din it-tip ta' hajja, biz-zmien induna li meta zzewgu ma kienux jafu ghal x'hiex kienu dehlin. Wara ftit xhur bdew ighixu qieshom separati u mbaghad isseparaw wara xi sentejn u nofs zwieg.

Wara dan l-affidavit l-atturipprezenta affidavit iehor (fol. 19) u spjega li fil-familja kienu sebat itfal u kienu jghixu f'dar zghira li kien fiha biss zewgt ikmamar tas-sodda. Kumdita' ma kellhomx f'din id-dar. Meta kellu dawk l-erbatax-il sena kien beda jiddejjaq id-dar minhabba l-istorbju li kienu jaghmlu hutu. Skond kif ighid, kien hemm nuqqas ta' privatezza. Imbaghad meta beda johrog mal-konvenuta ried ifittex jizzewweg sabiex jitlaq mid-dar tal-genituri (*"bdejt nara z-zwieg bhala mezz biex nohrog mid-dar tal-genituri. Hsbit li b'hekk stajt nghix fil-kwiet, boghod mill-istorbju u nehles darba ghal dejjem minn dak li kien ilu jdejjaqni s-snin sa minn meta kelli tlettax jew erbatax-il sena"*).

(b) **<u>Affidavit ta' Erica Bugeja</u>** (fol. 20) – oht l-attur li bazikament ikkonfermat l-affidavit ulterjuri li sar mill-attur. Ikkonfermat li *"lil Robert niftakru jghid diversi drabi li xeba' u jrid jitlaq mid-dar. Naf ukoll li kien ipprova jsib jikri biex imur ighix ghal rasu izda ma kienx irnexxielu. Kull darba li kien jiehu sahna maghna kien jghid 'Igri nizzewweg halli nitlaq minn hawn'"*.

(c) **<u>Affidavit ta' Noel Borg</u>** (fol. 21) – hu l-attur, li tista' tghid ghamel affidavit identiku ghal dak ta' Erica Bugeja.

Ix-xhud iddikjara:- *"nghid li m'ghandix dubju li wahda mir-ragunijiet ghaliex huwa zzewweg kien biex jitlaq mid-dar tal-genituri taghna u jehles minni u minn huti kif kien ihobb ighid"*.

(d) **Affidavit tal-konvenuta** (fol. 22) **–** ikkonfermat li lill-attur saret tafu fid-29 ta' Gunju 2007 u f'dak iz-zmien l-attur u huha kienu bdew imexxu l-klabb tal-futbol tan-Nadur, Ghawdex. L-gherusija damet tlett snin, pero' f'dan il-perjodu kienu mhabbtin hafna minhabba ragunijiet ta' xoghol (il-hinijiet tal-klabb kienu mis-7.00 a.m. sa tard bil-lejl). Spjegat li kien hemm okkazzjoni meta Robert kien pejjep *"sostanza projbita"*. Kellhom argument fuq dak li ghamel l-attur pero' dan kien incident izolat. Wara xi sentejn johorgu flimkien bdew jibnu dar fuq art propreta' ta' missier il-konvenuta, u fit-22 ta' Lulju 2000 izzewwgu. Ftit wara z-zwieg irrejalizzat li kellhom vizjoni differenti ta' x'kien zwieg. Min-naha tal-attur dan kien jippretendi li l-mara toqghod id-dar u li *"tissodisfa (sesswalment) lir-ragel kif u meta dan irid"* mentri ghaliha z-zwieg kien li jghixu flimkien bhala koppja. Hajja ta' zwieg ftit li xejn kellhom in kwantu kienu jahdmu t-tnejn sat-tard. Wara li l-konvenuta kienet tirritorna lura minn gurnata xoghol kienet tipprepara l-ikel u mbaghad l-attur kien jippretendi li jkollu relazzjonijiet intimi maghha qabel jerga' jinzel il-klabb fejn kien jibqa' sat-tard sal-hin tal-eghluq. Din is-sitwazzjoni kienet qeghda ddejjaq lill-konvenuta li pero' zammet kollox ghaliha. Meta l-konvenuta bdiet tipprova titkellem mal-attur forsi l-affarijiet jittrangaw, l-affarijiet marru ghall-aghar. Skond il-konvenuta nterveniet ukoll omm l-attur li ppretendiet li l-konvenuta kellha tibda tahdem *part-time* jew tieqaf ghal kollox mix-xoghol. Spjegat kif minn dak iz-zmien l-atteggjament ta' zewgha nbidel ghal kollox fil-konfront taghha. Beda jirritorna lura d-dar tard bil-lejl. Ghalkemm ippruvat tikkonvinci lill-attur jibdel il-hinijiet tax-xoghol, ma riedx jaf. F'okkazzjoni minnhom qalilha li kien rega' beda jpejjep is-sustanza projbita u ma riedx li l-konvenuta tindahallu f'dawn l-affarijiet. Jidher li kien hawn li l-konvenuta ddecidiet li tfendi ghal rasha u nbidel l-atteggjament taghha fil-konfront ta' l-attur. Fil-fatt tghid li ma bdietx tafdah u tilfet il-fiducja li kellha fih. Ghalkemm

ipprovaw jirrangaw id-differenzi taghhom bl-intervent ukoll tat-tabib tal-familja, ma rnexxielhomx u l-attur ried separazzjoni. Il-konvenuta ssostni li l-attur qatt ma kien preparat ghaz-zwieg u ma fehemx x'kienu l-obbligi u dmirijiet ta' zwieg.

2. It-talba ghall-annullament taz-zwieg saret fuq zewg kawzali:-

(a) Anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;
(b) Kunsens vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewga,

3. B'riferenza ghall-ewwel kawzali din ma ttirizultax mill-provi li ressqu l-kontendenti. F'dan ir-rigward il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Samuela Lea Pavia v. John Pavia** deciza fl-20 ta' Mejju 1996 osservat illi *"l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-allegazzjoni ma tistax tregi stante illi bl-ebda mod ma giet ippruvata. Fil-fatt mill-provi kollha migjuba ma tirrizulta lanqas xi ombra ta' anomalija psikologika. Inoltre, fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fl-ismijiet **Josette Spiteri vs Joseph Spiteri**, inghad:- *"Din il-Qorti tirritjeni li d-determinazzjoni o meno jekk persuna kienetx jew le affetta minn xi anomalija psikologika serja,* ***kellha tigi qabel xejn stabbilita b'ezami psikjatriku u/jew psikologiku minn persuna kwalifikata li setghet tirrilaxxja tali certifikat****. Kien allura mehtieg ezami xjentifiku approfondit tal-karatteristici psikologici tal-persuna, li kellu mbaghad iservi bhala bazi ghall-apprezzament li necessarjament kellu jaghmel finalment il-gudikant biex jasal ghall-konkluzzjoni jekk tali rizultanzi xjentifici kienux jinkwadraw ruhhom fid-dispost tal-ligi taht ezami."*. Prova li ma saritx f'dawn il-proceduri.

4. Fir-rigward tal-kawzali l-ohra li tittratta d-diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, il-Qorti mhi konvinta xejn mix-xhieda tal-attur u ta’ hutu. Dan in kwantu:-

(a) Ma tqiesx li din ix-xhieda hi attendibbli. Kien biss fl-affidavit ulterjuri tieghu li l-attur hareg bit-tejorija li huwa zzewweg biex jitlaq mid-dar ghar-raguni li kien imdejjaq minhabba li d-dar tal-genituri kienet zghira u ma kellux privatezza. M’hemm l-ebda hjiel ta’ dan fl-ewwel affidavit li ghamel l-attur. Jekk din kienet l-uniku raguni ghalfejn izzewweg lill-konvenuta, il-Qorti kienet tistenna li din il-verzjoni tinghata mill-bidunett;

(b) L-attur kellu hamsa u ghoxrin (25) sena meta zzewweg. Jekk kien daqstant imdejjaq id-dar wiehed kien jistenna li ma jdumx dan iz-zmien kollu biex ifittex u jsib l-indipendenza tieghu, u dan meta tqies ukoll li sa minn tlett (3) snin qabel iz-zwieg jirrizulta wkoll li kien shab f’negozju ma’ haddiehor. Ohtu l-attur xehedet li kien fittex appartament fejn seta’ jmur ighix pero’ sempliciment qalet li ma rnexxielux isib, minghajr ma tat l-ebda spjega.

(c) Il-fatt li l-attur kien imdejjaq u jghid li zzewweg ghal din ir-raguni, ma jfissirx li fiz-zmien taz-zwieg kellu nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

(d) Il-verzjoni moghtija mill-attur mhi bl-ebda mod korraborata mix-xhieda tal-konvenuta.

5. Ghalkemm parti ghal zwieg tista’ tonqos milli tirrifletti dwar il-pass li tkun ser tiehu, dan ma jfissirx li l-kunsens tieghu/taghha hu vizjat skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255. Kif gie osservat fil-kawza fl-ismijiet deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Baldacchino vs Claudette Farrugia** deciza fit-13 ta’ April 2007: *“Huwa possibbli illi l-partijiet ma rriflettewx bizzejjed fuq il-pass li kienu se jwettqu, u li dan wassalhom biex jiehdu decizjoni zbaljata, izda dan in-nuqqas ta’ riflessjoni ma huwiex*

*bizzejjed biex iz-zwieg taghhom jigi ddikjarat null fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju"*. Lanqas mhi xi kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati.

6. Min-naha l-ohra, fil-fehma tal-Qorti l-komportament tal-attur matul il-perjodu qasir hafna li l-kontendenti ghamlu jghixu flimkien hi prova skjaccanti li fil-mument taz-zwieg l-attur ma kellux dak il-grad ta' maturita' essenzjali sabiex jifhem u jkollu r-rieda li tqieghdu f'qaghda li l-mizzewgin jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' ghaqda guridika, f'komunjoni wahda ta' hajja u mhabba. Huwa minnu li fid-data taz-zwieg l-attur kellu hamsa u ghoxrin (25) sena, pero' madankollu l-attitudni matul il-hajja qasira taz-zwieg hi ezempju klassiku tan-nuqqas min-naha ta' l-attur. Ma jistax ikun li fiz-zmien taz-zwieg l-attur kellu dak li jissejjah bhala *evaluative knowledge*, cjoe' li kien fehem u apprezza n-natura, l-import u l-implikazzjonijiet essenzjali u l-konsegwenzi taz-zwieg. Konkluzjoni li l-Qorti tasal ghalihom mir-rakkont moghti mill-konvenuta fl-affidavit dwar l-istil ta' hajja li ghex il-konvenut minnufih wara z-zwieg. Dan kien zwieg destinat li jfalli sa mill-bidunett, tant li kif jirrizulta mill-provi l-inkwiet inqala' ftit wara z-zwieg. Dak li gara wara z-zwieg certament li jitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni qabel iz-zwieg. Hekk per ezempju jirrizulta li fiz-zwieg:-

(a) Il-konvenut kien sa mill-bidu iqatta' hinijiet twal barra mid-dar;
(b) Qatt ma ghamel sforz sabiex jassumi l-obbligi tieghu ta' ragel mizzewweg;
(c) Ma ghamel l-ebda sforz sabiex isib bilanc bejn il-hajja mizzewga u x-xoghol u jiddedika hin ghall-hajja mizzewga;
(d) *"Matul il-gimgha, x'hin kont nispicca mix-xoghol tieghi fis-7.00 p.m. kont immur id-dar nipprepara l-ikel, konna nieklu, u waqt li kont inkun ghadni nnaddaf il-kcina, Robert kien jitlaq fis-sodda jistenna l-iskjava tieghu, tmur hdejh biex twettaq dmirha sesswalment. Wara kien jerga' jitlaq lejn il-club biex jaghlaq il-hanut".* Rakkont li fil-

fehma tal-Qorti jaghti stampa cara ta’ kif l-attur kien jara z-zwieg f’ghajnejh (affidavit tal-konvenuta).

(e) Ghalih is-soluzzjoni ghall-problemi kienet li l-konvenuta tieqaf tahdem. Din ma kienet ebda soluzzjoni diment li l-attur ma kienx dispost li l-ewwel jibda biex ibiddel l-istil ta’ hajja tieghu.

(f) Ma ghaddiex wisq zmien li l-attur qata’ qalbu u beda jghix hajtu minghajr ebda konsiderazzjoni ghal fatt li issa kellu dmirijiet ohra. Ma kien lest jaghmel l-ebda sforz biex isalva dan iz-zwieg.

(g) Ma sab l-ebda diffikulta’ li jaqbad u jipproponi s-separazzjoni bhala s-soluzzjoni ghall-problemi matrimonjali.

(h) Sahansitra l-attur xehed li *“l-hajja ta’ zwieg ser tkun tixbah dik tal-gherusija”*.

(i) Jidher bic-car li wara z-zwieg il-partijiet baqghu jahdmu b’insistenza u ftit li xejn kellhom zmien sabiex jizviluppaw il-hajja mizzewga. Min-naha tal-attur ma kienx preparat li jaghmel l-arrangamenti mehtiega fuq il-post tax-xoghol sabiex l-istil ta’ hajja mizzewga tinbidel. Pero’ b’daqshekk ma jfissirx li l-attur ma kienx jaf x’inhu z-zwieg fiz-zmien tac-celebrazzjoni.

7. Il-Qorti tikkonkludi li fiz-zmien li gie celebrat iz-zwieg, il-konvenut ma kellux *“a basic understanding of marriage”*. Mill-provi rrizulta kif kien hemm nuqqas ta’ kollaborazzjoni min-naha tal-attur, dejjem irid li tghaddi tieghu, kien hemm nuqqas ta’ dedikazzjoni ghall-hajja mizzewga u l-attur ma ghamel ebda sforz biex jibdel l-atteggjament tieghu u jaddatta ghall-hajja mizzewga. L-elementi essenzjali taz-zwieg huma l-unita’, l-indissolubilita’, li wiehed ighix ghall-gid ta’ xulxin, il-prokrejazzjoni u ekukazzjoni tat-tfal. Elementi li l-Qorti tistqar li jidher li kienu ghal kollox neqsin f’mohh l-attur meta ha l-pass taz-zwieg. Ghalkemm ma ngabux wisq provi dwar is-sitwazzjoni tal-kontendenti fil-mument taz-zwieg pero' c-cirkostanzi immedjatament segwenti jaghtu stampa ta' l-attur li ghalih iz-zwieg hallieh ghal kollox indifferenti tant illi baqa’ jghix qisu mhux mizzewwg. Hu maghruf li anke xhud wiehed jekk ikun kredibbli u jitwemmen hu bizzejjed sabiex il-Qorti tiddecidi fuq il-

verzjoni moghtija minnu. F'dan il-kaz il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandix taccetta l-verzjoni li rrakkontat il-konvenuta u ssib li din hi l-iktar wahda verosimili.

8. Min-naha tal-konvenuta l-Qorti ma tirriskontra l-ebda difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju taghha. Ghalkemm l-attur xehed li l-mod li agixxiet il-konvenuta fiz-zwieg kien juri li *"ma kellha l-ebda intenzjoni li nghixu ta' mizzewgin",* naqas milli jaghti dettalji. Dikjarazzjoni simili ma tikkostitwixxi l-ebda prova. Anzi mix-xhieda moghtija mill-konvenuta jirrizulta kemm fir-realta' kienet taf x'ifisser iz-zwieg qabel m'ghamlet dan il-pass.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) huwa null u bla effett ghaliex il-kunsens ta' l-attur kien vizjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewga.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------